31993R1657

30.6.1993 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 158/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1657/93
ta' l-24 ta' Ġunju 1993
li jissospendi temporanjament id-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti maħsuba għall-fornitura taż-żoni liberi ta' l-Ażores u Madejra

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 migjub fih,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni (1),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (2),

Billi l-Kunsill, fid-Deċiżjoni tiegħu 91/315/EEC (3), stabbilixxa programm ta' għażliet speċifiċi għan-natura iżolata u insulari ta' Madejra u l-Ażores (Poseima);

Billi fil-kuntest tal-programm kollu ta' miżuri stabbiliti fid-Deċiżjoni biex tistimula l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tar-reġjuni awtonomi hawn fuq imsemmija, kien stabbilit li żoni ħielsa jistgħu ikunu strument validi ta' żvilupp ekonomiku fir-reġjuni in kwistjoni; peress illi jista' f'waqthu li jiġu adottati miżuri speċifiċi dwar l-arranġamenti applikabbli għaż-żoni ħielsa tal-Ażores u Madejra;

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1604/92 tal-15 ta' Ġunju 1992, li jemenda Regolament (KEE) Nru 2504/88 dwar żoni ħielsa u imħażen ħielsa (4), stabbilixxa li operazzjonijiet ta' proċessar mwettaq fiż-żoni ħielsa ta' dawn ir-reġjuni awtonomi m'għandhomx ikunu suġġetti għall-kondizzjonijiet ekonomiċi stabbiliti fl-arranġamenti ta' proċessar intern;

Billi f'talba magħmula fl-4 ta' Marzu 1992 u supplimentata fit-22 ta' Ottubru 1992 u l-20 ta' Jannar 1993, l-awtoritajiet kompetenti Portugiżi talbu li jingħataw eżenzjoni mid-drittijiet tat-Tariffi Doganali Komuni dwar importazzjonijiet ta' ċerti prodotti industrijali maħsuba għall-fornitura taż-żoni ħielsa ta' l-Ażores u Madejra;

Billi, wara eżami dettaljat tas-sitwazzjoni, jidher li hemm probbabiltà li dik il-miżura tagħti l-ispinta meħtieġ għall-iżvilupp ta' l-attivitajiet ekonomiċi fl-imsemmija żoni ħielsa;

Billi, sabiex jiġi evitat li jiġi affetwat b'mod dirett il-funzjonament tas-suq komuni, għandu jigi stabbilit limitu ta' ħin għal din il-miżura u titħieħed azzjoni xierqa biex jiġi assigurat li l-prodotti li dwarhom tkun ingħatat sospensjoni huma ntiżi biss biex ifornu l-imsemmija żoni ħielsa;

Billi l-Kummissjoni għandha tkun infurmata bil-volum ta' importazzjonijiet involuti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Id-dazji tat-Tariffi Doganali Komuni applikabbli għal prodotti elenkati fl-Anness għandhom jiġu sospiżi totalment sal-31 ta' Diċembru 2000.

2. Is-sospensjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tapplika biss għal prodotti maħsuba għall-fornitura taż-żoni ħielsa ta' l-Ażores u Madejra.

3. L-awtoritajiet kompetenti Portugiżi għandhom jadottaw id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jassiguraw konformità mal-paragrafu 2 skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Komunità dwar użu sa ċerta data, b'mod partikolari l-ħlas ta' dazji tat-Tariffi Doganali Komuni meta l-prodotti in kwistjoni jkunu trasportati lejn partijiet oħra tat-territorju doganali tal-Komunità.

Dawn għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dawn il-miżrui fl-ewwel opportunità.

Artikolu 2

Fir-rigward tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1, l-awtoritajiet kompetenti Portugiżi għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, mhux aktar tard mill-15 ta' Marzu ta' kull sena, bil-volum ta' importazzjonijiet li għalihom tkun ingħatat sospensjoni tat-tariffa matul is-sena preċedenti.

(1) ĠU C 116, tas-27.4.1993, p. 11
(2) Opinjoni mogħtija fit-28 ta' Mejju 1993 (għada mhix pubblikata fl-Ġurnal Uffiċjali).
(3) ĠU L 171, tad-29.6.1991, p. 10.
(4) ĠU L 173, tas-27.6.1992, p. 30.

Artikolu 3

Matul is-sena 2000, il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta l-awtoritajiet kompetenti Portugiżi, għandha teżamina l-effetti tal-miżuri meħuda dwar l-iżvilupp taż-żoni ħielsa ta' l-Ażores u Madeira u għandha, jekk ikun meħtieġ, tissottometti proposti xierqa.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fl-24 ta' Ġunju 1993.

Għall-Kunsill

Il-President

B. WESTH

L-ANNESS

Ordni Nru	Kodici CN	Deskrizzjoni
18.0300	6804	Il-gebel tal-miṫna, il-ħagra tal-mola, ir-roti tat-ṫin u ħwejjeg oħra simili, mingħajr oqsfa, għat-ṫin, l-ittemprar, il-lostru, it-twittija u l-qtugħ, it-temprar jew il-lostru tal-gebel bl-idejn, ta' materjal abrasiv agglomerat naturali jew artificjali, jew ta' ceramika, bi jew minghajr partijiet ta' materjali oħra.
18.0302	7308	Strutturi (minbarra il-kostruzzjonijiet prefabtikati tat-titolu Nru 9406) u partijiet minn strutturi (per eżempju, pontijiet u sezzjojnijiet minn pontijiet, ix-xtiebi tal-kanali, it-torrijiet, l-arbli kannizzata, is-soqfa, l-oqsfa tas-soqfa, il-bibien u t-twieqi u c-caccis tagħom u s-sollijiet tal-bibien, il-balavostri, il-kolonni), jew il-ħadid u l-azzar; il-pjanci, qasab, il-kantunieri, il-forom, sezzjonijiet, tubi u ħwejjeg simili, preparati għall-użu fi strutturi, tal-ħadid jew l-azzar.
18.0304	7309 00	Gibjuni, tankijiet, btieti u kontenituri simili għall-kull materjal (minbarra l-gas kumpressat jew fil-forma likwida) tal-ħadid jew ta' l-azzar, ta' wisa' li taqbeż it 300 litru, sew jekk miksija jew insulati u sew jekk le, iżda mhux mgħammra b'apparat mekkaniku jew termiku.
18.0306	7310 minbarra 7310 21 10	Tankijiet, btieti, cilindri, laned, kaxxi, u kontenituri simili, għall-kull materjal (minbarra l-gas kompress jew fi stat likwidu), tal-ħadid jew ta' l-azzar, ta' wisa' li ma taqbiżx 300 litru, sew jekk miksija jew insulati mis-sħana, iżda mhux mgħammra b'apparat mekkaniku sew termiku, minbarra l-laned tat-tip użat għall-preservazzjoni ta' l-ikel u x-xorb.
18.0308	7311 00	Kontenituri għall-gass kompress jew fi stat likwidu, tal-ħadid jew ta' l-azzar.
18.0310	7322	Radjaturi għat-tisħin centrali, mhux imsaħħna bl-elettriku, u partijiet minnhom, tal-ħadid u ta' l-azzar; heaters ta' l-arja u distributri ta' l-arja sħuna (inklużi d-distributuri li jistgħu wkoll jiddistribwixxu l-arja friska jew kundizzjonata), mhux imsaħħna bl-elettriku, li jinkorporaw fann imdawwar bil-mutur jew blower, u partijiet minnhom, tal-ħadid jew ta' l-azzar.
18.0312	7610	Strutturi ta' l-aluminju (minbarra l-bini prefabrikat ta' l-intestatura Nru 9406) u partijiet minn strutturi (per eżempju pontijiet jew sezzjonijiet minn pontijiet, torrjiet, arbli kannizzata, soqfa, oqsfa tas-soqfa, bibien u twieqi u c-caccis tagħom u s-sollijiet tal-bibien, il-balavostri, il-kolonni); pjanci ta' l-aluminju, qasab, profili, tubi u ħwejjeg simili preparati għall-użu fi strutturi.
18.0314	7611 00 00	Gibjuni ta' l-aluminju, tankijiet, btieti u kontenituri simili, għall-kull materjal (minbarra l-gass kompress jew fi stat likwidu) ta' wisa' li ma' taqbiżx it-300 litru, sew jekk miksija jew insulati mis-sħana, iżda mhux mgħammra b'apparat termiku jew mekkaniku.
18.0316	7612	Btieti, cilindri, laned, kaxxi, u kontenituri oħra simili, għal kull materjal (minbarra l-gas kumpress jew fi stat likwidu), ta' wisa' li ma' taqbiżx it-300 litru, sew jekk insulati mis-sħana, iżda mhux mgħammra b'apparat termiku jew mekkaniku.
18.0318	7613 00 00	Kontenituri ta' l-aluminju għall-gas kompress jew fi stat likwidu
18.0320	8202	Srieraq ta' l-idejn; xfafar tas-srieraq ta' kull tip (inklużi x-xfafar tas-srieraq għall-inciżjonijiet, u mingħajr snien
18.0322	8203	Limi, raspi, tnaljetti (inklużi it-tnaliji li jaqtgħu), tnalji, pinzetti, mqassi tal-geżż li jaqtgħu il-ħadid, il-pipe-cutters, bolt-cropppers, puntelli li jtaqqbu u għodda ta' l-id simili.
18.0324	8204	Spanners u manilji li jaħdmu bl-idejn (inklużi t-torque meter wrenches iżda mhux it-tap wrenches

Ordni Nru	Kodici CN	Deskrizzjoni
18.0326	8205	Għodda ta' l-idejn (inklużi d-djamanti tal-vitrar), mhux specifikati jew inklużi fl-ebda post ieħor; blow lamps; morsi u oggetti simili, mibarra accessorji għal u partijiet minn għodda mekkanika; inkwini, forgi li jistgħu jingarru; roti tat-tħin li jaħdmu bl-idejn jew bil-perdali bl-oqsfa
18.0328	8207	Għodda li jistgħu jigu skambjati bejn xulxin għall-għodda ta' l-idejn, (per eżempju, għall-pressa, stampar, titib, invitar, il-formazzjoni ta' kamini, titqib, tħaffir, seffid, tidwir, jew it-twaħħil ta' viti), inklużi il-forom inaqqxa għall-gbir tal-metall, jew l-għodda għat-tħaffir ta' l-art
18.0330	8208 minbarra 8208 40 00	Skieken u xfafar, tal-makni jew għall-għodda mekkanika minbarra l-makni ta' l-agrikoltura, l-ortikultura u l-forestrija
18.0332	8209 00	Pjanci, zkuk, ponot u oggetti simili għall-għodda, mhux immontati, tal-karburi metallici jew cermiti magħquda bis-sħana
18.0334	8210 00	Għodda mekkanika mħaddma bl-idejn, li tiżen 10 kg jew inqas, użata fil-preparazzjoni, kondizzjonament jew meta jisserva l-ikel u x-xorb
18.0336	8303 00	Safes u kaxxaforti kurazzati jew rinforzati, bibien u safe deposit boxes, strong-rooms, kaxxi ta' l-atti u oggetti simili, magħmulin minn metall ordinarju
18.0338	8304 00 00	Armarji għall-filing, armarji bil-kartolini bl-indici, trays għall-karti, appoggi għall-karti, trays tal-pinnen, stands tat-timbri ta' l-ufficju u apparat ta' l-officju jew ta' l-iskrivaniji simili, magħmulin minn metall ordinarju; minbarra l-għamara ta' l-officcju ta' l-intestaura Nru 9403
18.0340	8402	Boilers tal-fwar jew li jiggeneraw il-fwar (minbarra l-boilers ta' l-ilma sħun użati fit-tisħin centrali li huma kapaci jipproducu wkoll il-fwar bi pressa baxxa); il-boilers ta' l-ilma bi sħana għolja ħafna.
18.0342	8403	Boilers tat-tisħin centrali minbarra dawk ta' l-intestatura Nru 8402
18.0344	8404	Impjant awżiljarju għall-użu mal-boilers ta' l-intestatura Nru 8402 jew 8403 (per eżempju, l-ekonomizzaturi, il-heaters qawwija ħafna, l-apparat li jneħħi l-gmied, l-apparat li jirkupra l-gass); il-kondensaturi tal-fwar jew unitajiet ta' energija bil-fwar.
18.0346	8405	Gas tal-produttur jew generaturi tal-gass ta' l-ilma, bil-purifikaturi tagħhom jew mingħajrhom; generaturi li jaħdmu bil-gass ta' l-acetilene u generaturi tal-gass tal-process ta' l-ilma simili, bil-purifikaturi tagħom jew mingħajrhom
18.0348	8406	Turbini tal-fwar u turbini oħra li jaħdmu bil-fwar
18.0350	8407	Makni bil-pistuni ta' kombustjoni interna rotativi li jixgħelu bl-ispark u li jirreciprokaw.
18.0352	8408	Makni bil-pistuni ta' kombustjoni interna (makni bid-diesel jew nofshom bid-diesel) li jixgħelu bil-kompressjoni
18.0354	8409	Partijiet addattati għall-użu uniku jew principali fil-makni ta' l-intestatura Nru 8407 jew 8408
18.0356	8413	Pompi tal-likwidi, sew jekk mogħnija b'apparat ta' kejl u sew jekk le; elevaturi likwidi
18.0358	8414	Pompi ta' l-arja jew tal-vakum, kumpressuri jew fannijiet ta' l-arja jew gassijiet oħra; Hoods li jivventilaw jew jirriciklaw li jinkorporaw fann fihom, sew jekk ikunu mgħammra b'filtri u sew jekk le
18.0360	8415	Makni ta' l-arja kondizzjonata, li jkun fihom fann imdawwar bil-mutur u elementi għall-bidla tat-temperatura u l-umdità, inklużi dawk il-makni li fihom l-umdità ma' tkunx tista' tigi regolata separatament
18.0362	8416	Fjamma tal-forn għall-karburanti likwidi, għall-karburanti solidi polverizzati jew għall-gass; in-najjara mekkanici, inklużi l-ħakkieka mekanici tagħhom, l-apparat mekkaniku għat-tneħħija ta' l-irmied u apparat simili
18.0364	8417	Fran industrijali jew tal-laboratorji, inklużi l-incineraturi, mhux elettrici
18.0366	8418	Refrigeraturi, freezers u apparat tar-refrigerazzjoni jew iffriżar ieħor, ta' l-elettriku jew oħrajn; pompi tas-sħana minbarra l-makni ta' l-arja kondizzjonata ta' l-intestatura Nru 8415

Ordni Nru	Kodici CN	Deskrizzjoni
18.0368	8419	Makkinarju, apparat ta' l-imjant jew tal-laboratorju, sew jekk imsaħħna bl-elettriku u sew jekk le, għat-trattament tal-materjal permezz ta' process li jinvalvi bidla fit-temperatura bħat-tisħin, it-tisjir, ix-xiwi, id-distillazzjoni, ir-rettifikazzjoni, l-isterilizzazjoni, il-pasturizzazjoni, it-trattament bil-fwar, it-tnixxif, l-evaporazzjoni, il-vaporizzazjoni, il-kondensazzjoni u t-tkessieħ minbarra l-makkinarju jew l-impjanti tat-tip għall-użu domestiku; heaters ta' l-ilma istantanji jew ta' ħażna, mhux elettrici
18.0370	8420	Makni tal-mogħdija u ta' l-irrumblar, minbarra dawk għall-metall u l-ħġieg, u c-cilindri tagħom.
18.0372	8421	Centrifugi, inklużi n-nixxiefa centrifugi; il-makkinarju u apparat ta' filtragg jew purifikazzzjoni, għall-likwidi jew gassijiet
18.0374	8422	Makni tal-ħasil tal-platti; il-makkinarju għall-ħasil u t-tnixxif tal- tal-fliexken u l-kontenituri; il-makkinarju għall-mili, egħluq, issigilar, inkapsular, u tikkettar tal-fliexken, laned, kaxxi, boroż u kontenituri oħra; makkinarju ta' ppakkjar u tgeżwir ieħor, makkinarju għall-għeluq tax-xorb
18.0376	8423 minbarra 8423 10 10	Il-makkinarju ta' l-użin (minbarra l-imwieżen ta' sensittività ta' 5 cg je w aħjar), inklużi l-makni ta' l-għadd u ccekkjar li jaħdmu bil-piż; il-piżjiet tal-makni ta' l-użin ta' kull tip minbarra l-imwieżen domestici.
18.0378	8423 minbarra 8424 81 10	L-apparat mekkaniku (sew jekk jitħaddem bl-idejn u sew jekk le) għall-progettazzjoni, diffużjoni jew sprejjar tal-likwidi jew trabijiet; il-fire extinguishers, sew jekk ikkargati u sew jekk le; l-ispray guns u apparat simili, il-makni ta' sand jew steam blasting u makni li jisparaw jet minbarra l-makni l-makni tat-tisqija
18.0380	8425	L-armar tat-taljola u l-paranki minbarra l-iskip hoists; wincijiet u l-argni; il-gakkijiet
18.0382	8426	Id-derricks tal-vapuri; il-krejnijiet, inkuži il-cable cranes; l-istrutturi ta' l-irfiegħ, l-istraddle carriers u t-trakkijiet tax-xogħol mogħnija bi krejn.
18.0384	8427	Trakkijiet bil-fork-lift; trakkjiet tax-xogħol oħrajn mogħnija b'apparat ta' rfiegħ jew maniggjar
18.0386	8428	Makkinarju ta' l-irfiegħ, maniggjar, tagħbija, ħatt (per eżempju, lifts, escalators, conveyors, teleferics)
18.0388	8437	Il-makni tat-tindif, għażla jew klassifikazzjoni taż-żerriegħa, il-qamħ jew il-ħxejjex legumi minixxfa; il-makkinarju użat fl-industrija tad-dħin jew għall-ipprocessar tac-cereali jew tal-ħejjex legumi mnixxfa, minbarra l-makkinarju agrikolu
18.0390	8438	Makkinarju, mhux specifikat jew inkluż mkien ieħor f'dan il-kapitolu, għall-manifattura jew preparazzjoni industrijali ta' l-ikel jew ix-xorb, minbarra l-makkinarju għall-estrazzjoni jew preparazzjoni tax-xaħmijiet jew iż-żjut ta' l-annimali jew fissi.
18.0392	8439	Il-makkinarju għall-produzzjoni tal-polpa ta' materjal cellulożiku fibruż jew għall-produzzjoni jew tlestija tal-karta jew paperboard
18.0394	8440	Il-makkinarju tal-kisi tal-kotba; inkluż il-makkinarju għall-ħjata tal-kotba
18.0396	8441	Makkinarju ieħor għall-produzzjoni tal-polpa tal-karti, karti jew paperboard, inkluż il-makkinarju tal-qtugħ ta' kull tip
18.0398	8443	Il-makkinarju ta' l-istampar; il-makkinarju għal użi ancillari għall-istampar
18.0400	8444 00	Makkinarju għall-estarzzjoni, in-nisga jew il-qtugħ tal-materjali tessili magħmula mill-bniedem
18.0402	8445	Makkinarju għall-preparazzjoni tal-fibri tessili; il-makni ta' l-għazil u makkinarju ieħor għall-produzzjoni tat-tessuti tas-suf; il-makni ta' l-irrumblar tat-tessuti (inkluż l-irrumlar tad-drapp minsug) u l-makni għall-preparazzjoni tas-suf tessili għall-użu fil-makni tat-titolu Nru 8446 jew 8447
18.0404	8446	Il-makni ta' l-insig (in-newl)

Ordni Nru	Kodici CN	Deskrizzjoni
18.0406	8447	Il-makni ta' l-insig, il-makni tat-twħħil bil-ponti u l-makni għall-produzzjoni tas-suf bl-orlatura, it-tull, il-bizzilla, ir-rakkmu, il-burduri, id-dafra jew xibka u l-makni tat-troffof
18.0408	8448	Makkinarju awżiljari għall-użu ma' makni ta' l-intestatura Nru 8444, 8445, 8446 or 8447 (per eżempju, id-dobbies, il-Jacquards, il-movimenti b'waqfien awtomatiku, il-mekkaniżmi tal-bidla tal-mekkuk); partijiet u accessorji addattati għall-użu biss mal-makni ta' din l-intestatura jew ta' l-intestatura Nru 8444, 8445, 8446 jew 8447 (per eżempju, il-magħżel u l-flyers tal-magħżel, l-imxut, in-nipli mqabbżin 'l barra. Il-mekkieka, in-nir u l-kwadri tan-nir, il-labar tal-maljerija)
18.0410	8450	Il-makni tal-ħasil domestici jew tal-lavanderiji, inklużi l-makni l-makni li jaħslu kif ukoll inixxfu
18.0412	8451	Makkinarju (minbarra l-makkinarju ta' l-intestatura Nru 8450) għall-ħasil, tindif, l-għasir, tnixxif, mogħdija, pressa (inklużi l-pressi ta' fużjoni), l-ibblicjar, iż-żebgħa, it-tlibbis, il-finitura, il-kisi u t-tixrib tas-suf tessili, drappijiet jew oggetti tessili ivvintati u makni għall-applikazzjoni tal-paste għad-drapp ordinarju jew appogg ieħor użat fil-manifattura ta' kisi ta' l-art bħall-linolju; makni tat-tkebbib, ħall, tiwi, qtugħ jew jew qtugħ b'disinn żiżag tad-drappijiet
18.0414	8452	Makni tal-ħjata, minbarra l-makni tal-ħjata tal-kotba ta' l-intestatura Nru 8440; l-għamara, qiegħan u għotjien disinjati apposta għall-makni tal-ħjata; il-labar tal-makni tal-ħjata
18.0416	8453	Il-makni għall-preparazzjoni, il-konzatura u l-preparazzjoni tal-gilda jew għall-produzzjoni jew tiswija taż-żraben jew oggetti oħra tal-gilda, minbarra l-makni tal-ħjata
18.0418	8456	L-għodda mekkanika għall-ħidma ta' kull materjal bit-tneħħija ta' materjal, permezz tal-laser jew raggi ta' dawl jew fotonici, ultrasonici, bi skarika elettrika, elettrokimici, bir-raggi ta' l-elettruni, bir-raggi jonici jew bil-processi ta' l-arkata tal-plasma
18.0420	8457	Centri ta' l-użu tal-makkinarju, il-makni ta' kostruzzjoni ta' l-unitajiet (bi stazzjoni wieħed) u makni ta' trasferiment b'ħafna stazzjonijiet, għall-ħidma tal-metall
18.0422	8458	Tornijiet għat-tneħħija tal-metall
18.0424	8459	Għodda mekkanika (inklużi il-way-type unit head machines) għat-titqib, tħaffir, tħin, formazzjoni ta' kamini jew jew slit permezz tat-tneħħija ta' metall, minbarra t-tornijiet ta' l-intestatura Nru 8458
18.0426	8460	Għodda mekkanika għas-sann, xeffir, lostru u jew il-finitura tal-metall b'xi mod ieħor, il-karbur tal-metal ffurmat bis-sħana jew ic-cermit permezz ta' moli, materjal abrażiv jew prodotti tal-lostru, minbarra l-makni tal-qtugħ ta' l-ingranaggi, is-sann ta' l-ingranaggi jew finitura ta' l-ingranaggi ta' l-intestatura Nru 8461
18.0428	8461	Għodda mekkanika għall-incanar, iffumar, titqib, seffid, il-qtugħ ta' ingranaggi, is-sann ta' ingranaggi jew il-finitura ta' ingranaggi, segar, qtugħ u għodda mekkanika oħra li jaħdmu billi jneħħu l-metall, il-karbur tal-metall ffurmat bis-sħana jew ic-cermit, mhux specifikat jew imsemmi post ieħor
18.0430	8462	L-għodda mekkanika (inklużi l-presses) għall-ħidma tal-metall bil-forga, martellament jew stampar bil-forom; għodda mekkanika (inklużi l-presses) għall-ħidma tal-metall permezz tat-tgħawwig, tiwi, iddrittar, iccattjar, tqaxxir, titqib u l-intaljar; il-presses għall-ħidma tal-metall jew karburi tal-metall, mhux specifikati hawn fuq
18.0432	8463	Għodda mekkanika għall-ħidma tal-metall, il-karburi tal-metall ffurmat bis-sħana jew ic-cermit, mingħajr it-tneħħija ta' materjal
18.0434	8464	Għodda mekkanika għall-ħidma tal-gebla, ic-ceramika, il-konkrit, is-siment ta' l-asbestos jew materjal minerali simili jew għall-ħidma tal-ħgieg fil-kiesaħ

Ordni Nru	Kodici CN	Deskrizzjoni
18.0436	8465	Għodda mekkanika (inklużi l-makni ta' l-imsiemer, ta' l-istapling, tal-kolla jew ta' assemblagg b'xi mod ieħor) għall-ħidma ta' l-injam, is-sufra, il-lastiku iebes, il-plastik iebes u materjali iebsin simili
18.0438	8467	Għodda għall-ħidma bl-id, pnewmatici jew b'mutur mhux elettriku integrat
18.0440	8468	Makkinarju u apparat għall-iwweldjar, kapaċi jew le għal qtugħ, minbarro dawk ta' Nr 8515, makkinarji u inġenji oħra
18.0442	8469	Typewriters u makni tal-word-processing
18.0444	8470	Makni tal-kalkolu; makni tal-kontijiet; makni ta' l-iffrankar tal-posta; makni tal-biljetti u makni simili; li jinkorporaw mezz ta' kalkolu; il-cash registers
18.0446	8471	Makni ta' l-ipprocessar tad-data awtomatici u l-unitajiet tagħhom; apparat li jaqra l-materjal manjetiku jew ottiku, makni għat-traskrizzjoni ta' data fuq medja tad-data f-forma ta' kodici u makni għall-ipprocessar ta' din id-data, mhux specifikati jew inklużi post ieħor
18.0448	8472	Makni ta' l-ufficju oħra (per eżempju, il-makni ta' l-ettograf jew ta' duplikazzjoni permezz ta' stencil, makni ta' l-indirizzi, makni tal-flus awtomatici, makni ta' l-għażla tal-muniti, makni ta' l-għadd jew ta' tgeżwir tal-muniti, makni ta' l-ittemprar tal-lapsijiet, makni ta' l-istapling.
18.0450	8477	Makkinarju għall-ħidma tal-lastiku jew plastik jew għall-manifattura ta' prodotti minn dawn il-materjali, mhux specifikati jew inklużi post ieħor f'dan il-kapitolu
18.0452	8478	Makkinarju għall-preparazzjoni jew finitura tat-tabakk, mhux specifikati jew inklużi post ieħor f'dan il-kapitolu
18.0454	8480	Kaxxi tal-forma għall-funderiji tal-metall; qiegħan tal-forom; patterns tal-forom; forom għall-metall (minbarra l-forom ta' l-inglotti), il-karburi tal-metall, il-ħgieg, il-materjal minerali, il-lasktu u l-plastika
18.0456	8581	Muturi elettrici u generaturi (minbarra s-settijiet ta' generazzjoni)
18.0458	8508 minbarra 8508 80 80	L-għodda elettromekkanika għax-xogħol ta' l-id, b'muturi elettrici inkkorporati minbarra l-muturi li jaqtgħu il-ħaxix tal-gnien
18.0460	8514	Fran industrijali jew tal-laboratorju (inklużi dawk dielettrici u ta' induzzjoni); apparat ta' tisħin industrijali jew tal-laboratorju ta' induzzjoni jew dielettrici
18.0462	8515	Saldaturi u makni u apparat tal-welding elettrici bil-laser jew b'raggi oħra tad-dawl jew fotonici, ultrasonici, bir-raggi ta' l-elettruni, bil-pulsazzjonijiet manjetici jew tal-plasma arc, sew jekk kapaci jaqtgħu u sew jekk le, makni elettrici u apparat għall-isprejjar b' temperatura għolja tal-metalli jew il-karburi tal-metall ffurmati bis-sħana
18.0464	8526	Apparat tar-radar, l-apparat ta' għajnuna għan-navigazzjoni bir-radju u apparat bir-remote control bir-radju
18.0466	9009	Apparat tal-fotokopji li jinkorpora sistema ottika jew tat-tip ta' kuntatt apparat li jagħmel kopji bis-sħana
18.0468	9010	Għodda u apparat għall-laboratorji fotografici (inklużi dawk cinematografici; inkluż l-apparat għall-projjezzjoni ta' stampi ta' cirkwiti fuq materjali semikondutturi sensitizzatti), mhux specifikati jew inklużi post ieħor f'dan il-Kapitolu; negatoskopji; l-iscreens ta' projjezzjoni

Ordni Nru	Kodici CN	Deskrizzjoni
18.0470	9017	Strumenti ta' kalkolu matematiku ta' tpengija u mmarkar (per eżempju, makni ta' l-abbozzi, pantografi, kwadranti, settijiet ta' tpengija, rigi li jiżżerżqu, kalkolaturi bid-diska); strumenti li jkejjlu t-tul, għall-użu fl-id (per eżempju, qasab u tapes tal-kejl, mikrometri, il-kaliper) mhux speċifikati jew inklużi post ieħor f'dan il-kapitolu
18.0472	9024	Makni u apparat għall-ittestjar ta' l-egħbusija, saħħa, kompressibbiltà, elasticità jew karatteristici mekkanici oħra tal-materjali (per eżempju, metalli, injam, tessuti, karta, plastik)
18.0474	9026	Strumenti u apparat għall-kejl u l-kontroll tac-cirkolazzjoni, il-livell, il-pressjoni jew varjabbli oħra tal-likwidi jew gassijiet (per eżempju, il-metri tac-cirkolazzjoni, kejl tal-livell, manometri, il-metri tas-sħana), minbarra l-istrumenti u l-apparat ta' l-intestatura Nru 9014, 9015, 9028 jew 9032
18.0476	9027	Strumenenti u apparat għall-analiżi fiżika u kimika (per eżempju, polarimetri, refrattometi, spettrometri, apparat ta' analiżi tal-gassijiet u d-dħaħen); strumenti u apparat għall-kejl u l-kontroll tal-viskożità, porosità, l-espansjoni, it-tensjoni superfiċjali u ħwejjeg simili; strumenti u apparat għall-kejl tal-kwantitajiet ta' sħana, ħoss jew dawl (inklużi l-metri li jkejjlu espożizzjoni); il-mikrotomi
18.0478	9028	Kejl tal-produzzjoni jew fornitura tal-gass, likwidi jew elettriku, inkluż il-miter li jikkalibra għalihom
18.0480	9406	Il-bini prefabrikat